MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 46/2005

Carmel Vella u Mary Vella
vs
Kummissarju tal-Pulizija
L-Avukat Generali
L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Il-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi r-rikorrenti huma s-sidien tar-razzett f'Hagar Qim Road, illum Qrendi Road, Mqabba, maghruf bhala George Farm, ghat-trobbija tal-hniezer.

Illi dan ir-razzett ilu jezisti 'l fuq minn 55 sena u kien jinsab debitament licenzjat u munit bil-permessi kollha metiega mill-Ligi biex jopera.

Illi fuq il-medda tas-snin l-awtoritajiet ippermettew l-izvilupp taz-zona residenzjali b'mod li dan ir-razzett gie f'distanza aktar vicina minn post abitat kif tirrikjedi l-Ligi.

Illi l-awtoritajiet kompetenti fittxew lir-rikorrenti Carmelo Vella allegaw li huwa kien qiegħed jopera dan ir-razzett illegalment u b'sentenza tat-3 ta' Marzu, 2000 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Carmelo Vella**" gie deciz fis-sens li ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat it-tnehhija ta' l-onkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta' zewg Liri kuljum fin-nuqqas, u minflok tordna t-tenhhija ta' l-istess inkonvenjent fi zmien erba' xhur mil-lum taht penali ta' ammenda ta' zewg liri kuljum fin-nuqqas, b'dan ukoll li qed tawtorizza minn issa lill-Pulizija sabiex f'kaz li l-imsemmi inkonvenjent ma jitnehhiex fiz-zmien imsemmi, l-istess Pulizija tkun tista' tnehhi l-inkonvenjent hi a spejjez ta' l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija;

Illi b'dan il-mod ir-rikorrenti qeghdin jigu ipprivati mill-proprjeta taghhom, jew ahjar mit-tgawdija ta' l-istess proprjeta` u dan bhala rizultat tal-politika edilizja li ghazlet li taddotta l-awtorita` kompetenti u dan billi gie permess zvilupp residenzjali fil-vicinanzi ta' l-istess razzett bi pregudizzju kbir ghas-sidien tar-razzett;

Illi ghalhekk qeghdin jigu vjolati jew ser jigu bhala konsegwenza tas-sentenza fuq imsemmija vjolati fil-konfront tar-rikorrenti d-dritijiet fondamentali taghhom kif protetti fl-artikolu 1 ta' l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan bhala konsegwenza tal-fatt li huma qieghdin jigu privati mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom fuq imsemmija.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

Tiddikjara li gew vjolati fil-konfront taghhom bl-agir fuq deskritt l-artikoli 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni

Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u b'hekk tordna li jingahtaw dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa dina l-Qorti.

Bl-ispejjez.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimata Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament, l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar m'hijiex il-legittmu kontradittur, stante li dak li huma qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa semmai rifless fil-Pjan ta' Struttura, approvat mill-Parlament fl-1988, kif ukoll Attijiet ohra legislattivi sahansitra precedenti ghal dan. L-Awtorita` intimata giet kostitwita permezz ta' l-Att I ta' l-1992, u kif diga gie deciz mill-Qrati Maltin, l-Awtorita` intimata ma ssuccediet l-ebda entita` governattiva precedenti, u ghaldaqstant ma tirrispondix ghal fatti u attijiet maghmula qabel il-kostituzzjoni ta' l-istess Awtorita`.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, anke l-pjanijiet lokali jew pjanijiet ohra li l-Awtorita` intimata ghandha s-setgha li taghmel a tenur ta' l-Att I ta' l-1992, huma suggetti ghal ratifiki sew ta' l-Ezekuttiv, kif ukoll, f'certi kazi, tal-Parlament.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, il-Pjan Lokali li jkopri z-zona mertu tal-vertenza odjerna ghadu abbozz, u ghaldaqstant, certament illi dan il-Pjan Lokali ma jistax jittiehed bhala xi att ezekuttiv jew li jista' jigi implimentat.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-Awtorita` intimata, hija awtorizzata mill-Att numru I ta' l-1992 biex thejji pjanijiet li jirregolaw l-izvilupp u l-istess Awtorita` agixxiet in piena ottemperenza mal-provvedimenti ta' l-istess Att u tal-Ligi meta hija hejjiet dan il-pjan.

5. Illi l-pjanijiet ghall-izvilupp huma ezercizzju necessarju u fondamentali f'kuntest ta' Ippjanar, u bl-ebda mod ma

jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti kif allegat mill-istess rikorrenti.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, fil-meritu r-rikorrenti jridu jressqu l-provi li fattwalment huma qeghdin jagixxu u joperaw in pjena ottemperanza tal-permessi li huma jista' ghandhom fuq il-proprjeta` taghhom.

7. Illi in vista tal-premess, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimati l-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura, Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali u l-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent li biha eccepew:

1. Illi sabiex l-intimati jottemperaw ruhhom mad-digriet tal-Qorti, qed tigi ipprezentata din ir-risposta b'riserva li ssir risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

2. Illi preliminarjament il-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura ma humiex il-legittmu kontraditturi f'dawn il-proceduri stante li mhumiex responsabbli ghall-hrug ta' permessi ghall-irziezet u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u dana abbazi ta' l-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suepost, il-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri odjerni stante li r-rwol tieghu fil-konfront tar-rikorrenti fi proceduri ulterjuri kien wiehed relatat mal-ordni pubblika kif gie ben konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2000, kopja annessa mar-risposta.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha *ai termini* ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, billi

r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li gie adoperat quddiem il-Qorti opportuna. Il-fatt li r-rikorrent ma nghatax ragun fid-dritt ma jintitolahx li jintavola din il-procedura li hija straordinarja u eccezzjonali.

6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

a) Ma huwiex minnhu li r-razzett proprjeta` tar-rikorrenti huwa munit bil-permessi kollha mehtiega mill-ligi sabiex jopera ghat-trobbija tal-hniezer, dana stante li r-rikorrenti m'ghandhomx il-licenzja mis-Supertendent tas-Sahha Pubblika kif rikjesta mil-ligi, u li abbazi ta' tali nuqqas ittiehdu l-proceduri opportuni kontra r-rikorrenti mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija li wasslu ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Marzu, 2000.

b) Ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li

I. id-dritt hekk kif sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma jaghtix xi dritt assolut fuq proprjeta` adjacenti ta' terzi jew dritt li tohloq inkonvenjent lil terzi.

II. l-Istat ghandu kull dritt li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` skond l-interess generali inkluz kwistjonijiet tas-sahha pubblika, dritt li jinghata mill-istess Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-intimati filwaqt li gabu s-suepost a konjizzjoni ta' dina l-Qorti talbu li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Carmelo Vella u qal li dwar ir-razzett li ghandu l-Imqabba, kien inbena minn missieru xi sittin sena ilu. Kien bnieh biex irabbi l-bhejjem fih u meta bnieh, dak iz-mien ma kien hemm hadd joqghod hemm, hlief xi zewg postijiet antiki li kienu 'l boghod minnhom u kienu ghall-bhejjem ukoll. Wara sar zvilupp u r-razzett iddawwar bil-bini u lilu irrappurtawh. Sostna li dejjem kellu permessi. Sostna li kien hemm sentenza tal-Qorti Kriminali kontra tieghu biex inehhi kollox u penali ta' Lm2 kuljum u li l-Imhallef kien qallu li ser tinghata art alternattiva, izda sal-lum ghadu hadd ma qallu xejn. Ikkonferma li kellu permess ta' l-Agrikoltura u li fi zmien missieru kellu permess tas-Sanita`. Ir-razzett fih xi 16-il kamra.

Fl-affidavit tieghu ikkonferma li qala' l-ghixien tieghu minn dan ir-razzett u li anke kabbru ftit ftit, l-ahhar darba fl-1975. Semma li anke fl-1978 meta fegget l-African Swine Fever lilu kienu qatlulu xi 1,100 hanzir u kienu marru diversi ufficjali tal-Gvern jaraw il-post tieghu, u l-post tant kien sewwa li lilu ma tawhx kumpens izda qalulu biex ikompli jrabbi. Ikkonferma li ma kellu ebda post iehor fejn jirghu l-majjali.

Ezebixxa *site map* b'indikazzjoni tar-razzett; il-biljett tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali; licenzja tizmim ta' razzett tal-majjali mahrug mid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji ghas-snin 2001, 2002, 2004, 2005 (u prezentati permezz ta' nota a fol 74 *et* il-licenzja tal-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u Ambjent ghall-2006 u l-2007); is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-20 ta' Lulju 1999 fl-ismijiet **Pulizija vs Carmelo Vella** fejn gie akkuzat li zamm gorbog ta' hniezer anqas minn 183 metri minn post abitat minghajr licenzja tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika, u ordni biex inehhi l-inkonvenjent; sentenza tas-sena 2000 tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-3 ta' Marzu 2000. F'dik is-sentenza jinghad li l-Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li tikkonferma s-sentenza appellata ghal dik li hija htija u piena, izda min-naha l-ohra kienet tal-fehma li taghti zmien ragjonevoli lill-appellant sabiex inehhi l-inkonvenjent u sabiex isib post alternattiv fejn hu

jkun jista’ jkompli bl-attivita` tieghu, u ghalhekk estendiet it-terminu b’erba’ xhur. Il-Qorti irrakkomandat lill-awtoritajiet koncernati specjalment lid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet sabiex jaghtu l-assistenza taghhom halli l-appellant ikun jista’ jkompli bl-attivita` tieghu xi mkien iehor f’dawn il-Gzejjer, u sa ordnat il-komunika tas-sentenza tramite r-Registratur lid-Direttur ta’ l-Agrikoltura u lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet.

Xehed Vincent Chetcuti li jahdem mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura bhala *Agricultural Foreman* li semma li l-permessi ghall-majjali llum il-gurnata jaqghu taht id-Dipartiment tal-V*eterinary Services* u mhux taht id-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura. Zied li d-dipartiment kien ipprova jsib *alternative sites* u anke kien hemm kumitat biex jistudja l-possibbiltajiet ta’ dan u lid an il-kumitat ghandu rapprezentant tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura, tal-MEPA kif ukoll ta’ l-Ambjent. Hafna minn dawn l-artijiet porposti ma gewx accettati mill-MEPA u hemm ohrajn li qed jigu studjati. F’dan il-progett hemm diversi applikanti ohra mhux biss Karmenu Vella. Zied li zmien minnhom ir-rikorrent kien gie rilokat minn post iehor. Ipprezenta dokument li jinstab a fol 55 sa 57 tal-process li jirrigwarda kummenti *on proposed relocation of animal farms from built up areas*. F’dan ir-rapport jissemmew id-diversi problemi ta’ rilokazzjoni u postijiet alternattivi.

Xehdet Dr. Marielle Vella *Director International and Legal Co-ordination* mal-Gvern u qalet li qabel l-2006 George Farm kellu licenzji izda l-file li kellha fil-pussess taghha ma jasalx sa aktar. Ziedet tghid hekk:
“Mistoqsija dwar jekk isirux verifiki dwar id-distanza, iva jsiru, jekk dan kien qabel per ezempju l-1992 il-MEPA taghti l-eccezzjoni ghax dan qieghed qabel. Issa jekk dan kien qieghed qabel u xi hadd bena mieghu jien ma nistax ghax inti bnejt hdejh nirtiralu l-licenzja imma jekk inti qed tapplika ghall-licenzja gdida jew trid tkabbar imbaghad ghandek tohodha tat-200 *metres*. Mistoqsija jekk ikunx hemm bzonn xi permess partikolari tas-Sanita` nirrispondi li min-naha tal-licenzja ma hemmx ghalfejn ghax ahna bhala veterinarji nimxu taht il-437 u l-439.”

Xehed l-Ispettur Alexander Miruzzi bhala rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, li semma li l-proceduri bdew fl-1990 u dan wara li l-Pulizija rcevew ilment mid-Dipartiment tas-Sahha fl-1990. Hu kien biss involut mhux fil-kawza izda fl-ezekuzzjoni tas-sentenza. L-ilment tad-dipartiment tas-Sahha kien bazat fuq li r-rikorrent kellu *pig farm* f'distanza ta' 183 metri mir-*residential area*. Id-direttur generali tas-Servizzi Vetrinarji ma kienx ried icaqlaq bhejjem mill-*farm*. Dan mhux l-uniku kaz ta' *farm* vicin l-abitat.

Gie prezentat l-affidavit ta' Ivor Robinich, rapprezentant legali fi hdan l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li fih issemma li kien wasal rapport ghand il-MEPA li kien hemm bini ta' *farm* tal-majjali minghajr permess ta' zvilupp. Mis-*survey sheets* ta' l-1968 irrizulta li kien hemm zi estensjonijiet tal-*farm* originali, u ma kien sar. Ebda applikazzjoni jew permess ghal zvilupp ma kien hemm u kien hareg "avviz biex tieqaf u twettaq" fl-1 ta' Novembru 2001, b'riferenza ECF1094/01, u ghalkemm sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dan gie michud fl-14 ta' Mejju 2003.

Meta xehed qal li ma kienx jaf sarux proceduri kriminali fi zmien il-PAPB. Semma li l-MEPA m'ghandhiex il-funzjoni li taghmel ricerka biex issib jew talloka fondi alternattivi. Irrizulta li r-razzett kien hemm izda saru estensjonijiet minn kif indikat fis-*survey sheet* ta' l-1968.

In segwitu, permezz ta' nota ta' l-14 ta' Novembru 2007 esebixxa estratt minn *survey sheet* 5066 ta' l-1967, estratt minn *survey sheet* 5066 ta' l-1988, inkluz il-parti cirkondata bl-ahdar li turi l-estensjoni tal-bini mhux kopert bil-permess ta' l-izvilupp (fol 101). Esebixxa wkoll ritratti tal-*farm* kif ukoll ta' bini fil-vicinanzi.

Xehed Malcolm David Micallef, *health inspector* mad-Dipartiment tas-Sahha li ikkonferma r-rapport a fol 85 tal-process mahrug kontra r-rikorrent, liema rapport kien *contravention report* maghmul mill-ispettur sanitarju biex tittiehed azzjoni fuq il-*farm* indikat. Dan kien mahrug fl-1990 u in segwitu nghataw sentenza mill-Qorti tal-

Magtistrati u mill-Appell. Il-Qorti tal-Magistrati kienet tat lir-rikorrent xahar zmien waqt li l-Qorti ta' l-Appel erba' xhur biex jitnehha l-inkonvenjent. Il-President ta' Malta kien anke ziedlu z-zmien. Fir-razzett meta marru *on site* sabu xi tmien mitt ras. Ma setax jitkellem dwar permessi veterinarji, anqas jekk kienx hemm permessi precedenti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Eccezzjoni tal-legittimu kontradittur:***

Fir-risposta ta' l-intimati, dawn kollha b'xi mod jew iehor eccepew li m'humiex il-legittimu kontradittur, u cioe`:

- Illi l-Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura minhabba li mhux responsabbli ghall-hrug ta' permessi ghall-irziezet u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
- Illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u dana abbazi ta' l-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Illi l-Kummissarju tal-Pulizija minhabba li r-rwol tieghu fil-konfront tar-rikorrenti fi proceduri ulterjuri kien wiehed relatat mal-ordni pubblika kif gie ben konfermat mill-Qorti ta' l-Appell;
- Illi l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mhix il-legittmu kontradittur, stante li dak li huma qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa semmai rifless fil-Pjan ta' Struttura, approvat mill-Parlament fl-1988, kif ukoll Attijiet ohra legislattivi sahansitra precedenti ghal dan. L-Awtorita` intimata giet kostitwita permezz ta' l-Att I ta' l-1992, u kif diga gie deciz mill-Qrati Maltin, l-Awtorita` intimata ma ssuccediet l-ebda entita` governattiva precedenti, u ghaldaqstant ma tirrispondix ghal fatti u attijiet maghmula qabel il-kostituzzjoni ta' l-istess Awtorita`.

Dwar l-Avukat Generali fejn sostna li mhux il-legittimu kontradittur abbazi ta' l-Artikolu 181B(2) tal-Kap 12, dan l-artikolu jghid hekk:

"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."

Illi l-kaz in ezami huwa wiehed dirett lejn diversi awtoritajiet, u tant kemm hu hekk li kollha kemm huma qeghdin jippruvaw jaharbu minn possibbli responsabbilta` b'mod li din jekk tezisti taqa' fuq haddiehor. Kien propju ghalhekk li r-rikorrenti ghazel li jinkludi lill-Avukat Generali minhabba dan jirrapprezenta lill-Gvern fejn l-ilment ma jistax ikun dirett kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. It-talba tar-rikorrenti hija li gew vjolati fil-konfronti taghhom bl-agir imsemmi fir-rikors l-artikoli 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u talbu r-rimedji xierqa. Certament fost dawn ir-rimedji hemm ir-rilokazzjoni u dana stante li r-rikorrenti jsostnu li kellhom il-permessi. Ta min jinnota li parti mill-ilment hi bazata fuq li l-artoritajiet koncernati hallew li jsir zvilupp f'zona projbita. Jigi osservat ukoll li kull allegat ilment jigi dejjem indirizzat lill-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern, anke jekk l-azzjoni ma tkunx diretta specifikament kontra l-Avukat Generali. Infatti fil-kawza fl-ismijiet **Edmond Mugliette vs Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili** deciza fit-12 ta' Gunju 2002 jinghad:

"L-Art. 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern u li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirraprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirraprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat… Ir-registratur tal-Qorti ma jistax jitqies responsabbli ghal allegata vjolazzjoni perpetrata minn membru tal-gudikatura. Ghal vjolazzjoni ta` din in-natura ghandu jirrispondi l-Istat. Huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u Konvenzjonali li l-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern. Ghalhekk kawza kostituzzjonali bazata fuq allegata vjolazzjoni kommessa minn membru tal-gudikatura ghandha tigi istitwita kontra l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Istat Malti."

Bl-istess mod, l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismjiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et**, deciza fit-8 ta’ Novembru 2004 insibu:
“F'kawzi ta’ natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirittament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta’ l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala’ fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja.

F'dawn il-proceduri ta' natura kostituzzjonali hemm zewg aspetti li mhux necessarjament ikunu konnessi - ir-responsabbilita` ma tkunx necessarjament konnessa mar-rimedju - cioe` l-att anti-kostituzzjonali jista' jkun kommess minn persuna, waqt li r-rimedju jew il-mizuri rimedjali jigu pretizi minn haddiehor u ghalhekk, dawk il-persuni li jirrapresentaw dawk il-fonti rimedjali qatt ma jista' jinghad li mhumiex il-legittimi kontradditturi - anke meta mhumiex responsabbli bl-ebda mod ghall-misfatt kostituzzjonali u ma' ghandhom assolutament ebda possibilita` li jinfluwenzaw b'xi mod dak il-misfatt...

L-Avukat Generali huwa persuna li hija kompriza fit-tieni kategorija in kwantu jekk… l-allegat lament tar-rikorrent jigi ppruvat, huwa f'pozizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju ... L-Avukat Generali huwa wkoll persuna tat-tieni kategorija in kwantu dejjem ghandu interess li jkun jaf u jara li l-ligijiet u l-proceduri gudizzjarji jikkonformaw ruhhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.”

Ara fl-istess direzzjoni **Kenneth Brincat vs Avukat Generali et**, deciza fl-10/01/2003 li inkludiet ukoll abnke min ma jaqax strettament f’wahda minn dawn il-kategoriji.

Ghal dawn il-motivi, certament l-Avukat Generali ghandu jkun parti fl-istess proceduri.

Dwar il-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura jinghad li r-rakkomandazzjonijiet tajba li ghamlet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza tat-3 ta’ Marzu 2000 (li kieku gew adottati kienu jevitaw tant problemi lil tant nies oltre li ma kienx ikun hemm bzonn tal-proceduri odjerni) imorru dirett propju fuq dan il-Ministeru. Huwa propju dan il-Ministeru li seta’ jimplimenta dawk ir-rakkomandazzjonijiet ghal razzett alternattiv. Jekk jinstab li hemm ksur ta’ drittijiet fundamentali huwa propju dan il-Ministeru li jista’ jsib is-soluzzjoni rimedjali ghax jekk ir-rikorrenti jinstab li ghandhom ragun irid jew jibqa’ jezisti r-razzett odjern bl-uzu li qed isir tieghu jew altrimenti jrid jinstab post iehor fejn ir-rikorrenti jkunu jistghu jkomplu jiggestixxi x-xoghol taghhom. Ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-Kummissarju tal-Pulizija li sostna li r-rwol tieghu kien wiehed relatat ma’ ordni pubblika jinghad li l-proceduri fil-Qorti nbdew propju mill-Kummissarju tal-Pulizija li veru agixxa fuq istanza ta’ dipartiment iehor izda agixxa ghax dehrlu li ghandu jagixxi u kien parti fil-proceduri inizzjali kontra r-rikorrenti. Ghaldaqstant ghandu jigi inkluz f’dawn il-proceduri u ma tilqax l-eccezzjoni tieghu li mhux il-legittimu kontradittur.

Dwar l-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u Ippjanar, huwa veru li l-Awtorita` ma issuccediet ebda enti governattiva precedenti izda wiehed irid bil-fors jiftakar dak li nghad li ghalkemm jidher li l-ilment principali tal-MEPA kontra r-rikorrenti huwa dwar l-izvilupp mhux awtorizzat li sar mir-rikorrenti fir-razzett, xorta wahda wiehed iridi iqis li kienet il-
MEPA li tat diversi permessi ta’ bini fil-vicinanzi u li b’hekk wasslet li r-razzett in kwistjoni f’distanza anqas milli suppost. Ukoll, jekk ikun hemm rilokazzjoni ta’ l-istess razzett bil-fors il-MEPA trid tkun involuta, u ghalhekk kif jista’ jkun li tigi eccepita n-nuqqas ta’ legittimita` tal-persuna.

Inoltre l-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Rita Bezzina vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar *noe***, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, deciza fis-7 ta' Marzu 2002 fejn gie sostnut li l-Att dwar l-Ippjanar ghandu jigi interpretat fid-dawl ta' l-assjem tad-dritt Malti, li certament jinkludi wkoll ir-rispett ghad-drittijiet fondamentali.  Dan qed jinghaq dwar il-pjan ta' struttura approvat mill-Parlament.

Sewwa ghamlu r-rikorrenti fin-nota taghhom dwar dan l-aspett meta irrilevaw li:
"Fil-fatt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi fl-artikolu 33(1)(b)(i) illi biex il-MEPA tiddeciedi dwar applikazzjoni li ssirilha ghal permess ta' zvilupp ghandha tqis, fost l-ohrajn, 'kull haga… ta' sustanza, komprizi konsiderazzjonijiet estetici u sanitarji li l-Awtorita` tista' tikkunsidra relevanti'.  L-Artikolu 60 ta' l-istess Att jaghti l-fakolta` lill-Ministru li jaghmel regolamenti li jirregolaw, fost l-ohrajn, is-'sahha u sanita` f'kull haga li ghandha x'taqsam ma' bini.  Minn dan johrog car li l-MEPA bhala konvenut f'din il-kawza ma tistax tipprova tikkontendi li ma hijiex legittimu kuntradittur ghaliex tkun qieghda fl-istess nifs tichad l-obbligi taghha fil-qadi ta' dmirijietha. Kien kompitu ta' l-Awtorita` li tara li meta nhargu l-permessi ghall-izvilupp fl-*area* ta' madwar ir-razzett dan l-izvilupp isir konformement ma' dak li tirrikjedi s-sahha pubblika. Il-MEPA, barra minn hekk, ghandha wkoll il-kompitu li fit-thejjija tal-pjan ta' struttura taghti kaz tal-politika tal-Gvern dwar, fost l-ohrajn,

(b) l-attivitajiet agrikoli, industrijali, kummercjali, turistici u l-attivitajiet ekonomici l-ohra tal-pajjiz komprizi l-ghamla ta' mpjieg li johorgu minnhom;
(g) il-konservazzjoni u preservazzjoni ta' rizorsi naturali u xoghol il-bnedmin;
(h) dawk il-hwejjeg l-ohra kollha li l-Gvern jista' jehtieg jew li l-Awtorità tqis bhala mehtiega."

Ghalhekk ukoll, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-MEPA li mhix il-legittimu kontradittur.

***<u>D2.   Eccezzjoni taht l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni:</u>***

L-intimati kollha barra l-MEPA issottomettew li l-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ai termini ta’ l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. L-intimati issottomettew li l-fatt li r-rikorrenti ma nghatawx ragun fid-dritt ordinarju ma jintitolahomx li jintavolaw din il-procedura straordinarja u eccezzjonali.

Jigi rilevat li l-proceduri li saru mill-awtoritajiet u mir-rikorrenti jirrigwardaw passi amministrattivi kif ukoll proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ta’ l-Appell fuq l-akkuzi dedotti. Dan naturalment huwa ferm differenti mit-talbiet odjerni. Qorti li tkun qed tippresjedi bhala Qorti tal-Magistrati u l-appell li jsir minnu lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghandha mezzi totalment differenti minn din il-Qorti. Infatti jekk iqum punt ta’ natura kostituzzjonali quddiem dawn il-qrati, dawn ghandhom l-obbligu li mhux jiddeciduh huma izda li jirreferuh lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Infatti jidher li dan il-kuncett stess kien gie rejalizzat mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li b’mod sottili izda car issuggeriet ir-rimedju tal-post alternattiv u certament dik il-Qorti fil-kapacitajiet taghha ma setghetx tmur oltre.

Infatti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, ir-rikorrenti ma kellux disponibbli favurieh mezz xieraq ta’ l-allegat ksur. Kif inghad fil-kawza **Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fit-12 ta’ Novembru 2001 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili:
“Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta’ l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-wahda tkun tista` twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista’ timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta’ min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista’ tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Ara wkoll **John Sammut vs Awtorita` ta' l-Ippjanar *et*** (27/02/03) u **Mediterranean Film Studios Limited vs Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et (**31/10/03).

Ukoll, fis-sentenza **Maria Debono vs Kummissarju tal-Pulizija *et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Mejju 2002 inghad:
"Pero` mhux eskluz lanqas li taghti rimedju kostituzzjonali fil-kazijiet fejn anke jirrizulta li r-rikorrent kellu xi rimedju taht xi ligi ohra.

Il-Kostituzzjoni tqis rilevanti l-ksur tal-jedd fondamentali fih innifsu u mhux ir-rimedju jew rimedji accessibli ghall-parti leza."

Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li hija propju din il-Qorti li tista' tinkwadra l-kaz in ezami mill-aspetti tieghu kollha f'daqqa ghax Qorti ohra tkun cirkoskritta b'diversi ligijiet u principji li ma jwasslux ghal ezami profond u dettaljat biex sufficjentement jaraw hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali. Ghalhekk thoss li l-Qorti m'ghandhiex tapplika l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u m'ghandhiex tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

***D3. L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:***
"Ir-rikorrenti jsostnu li huma sofrew interferenza assoluta fl-uzu taghhom tar-razzett 'George Farm' u dana peress li ghalkemm ir-razzett *de quo* ma giex formalment esproprjat minghand ir-rikorrent, tnehhielu kull uzu mill-istess razzett. Razzett li ma jistax jinhadem ma jiswa xejn ghal persuna li jaqla' l-ghajxien tieghu propju mit-trobbija tal-bhejjem."

Ir-rikorrenti irreferew ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali u Kummissarju ta' l-Artijiet (8 ta' Jannar 2007)** fejn gie applikat il-kuncett ta' l-esproprjazzjoni *de facto*:
"Dawn l-istess principji japplikaw anke meta, flok esproprjazzjoni fil-veru sens tal-kelma, ikun hemm jew

esproprjazzjoni *de facto* jew semplicement interferenza fl-uzu tal-proprjeta` jew kontroll ta' uzu tal-proprjeta` kif ravvizat fit-tielet regola … kontenuta fit-tieni paragrafu ta' l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol.”

Irreferew ukoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta’ Novembru 2001 fl-ismijiet **Nazzareno Galea vs Giuseppe Briffa**:
“Il-gurisprudenza irriteniet illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux biss hu applikabbli fil-kaz ovvju ta' espropprazzjoni formali imma wkoll fil-kaz ta' mizuri ohra li jikkwalifikaw bhala espropprazzjoni *de facto* li jiddiminwixxu l-attribwuti tal-proprjeta` ta’ l-individwu. Mizuri li pero` jkunu ttiehdu jew li jkunu saru b'xi sahha ta' xi ligi...”.

Fil-kawza fl-ismijiet **J. Lautier Company Limited vs Kummissarju ta’ l-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika** (Rikors Nru: 30/03FS), deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-7 ta’ April, 2005 inghad:
“L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jghid hekk:-
"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandhu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief **fl-interess pubbliku** (enfazi tal-Qorti) u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

Izda d-dispozizjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa **biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' (enfasi tal-Qorti)** skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

Dan l-artikolu allura jipprotegi d-dritt specifiku *“to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one’s possessions. As the Court said in the Marks case “article 1 is in substance guaranteeing the right of property”. Enjoyment is protected principally against interference by the State” (Theory and Practice of the*

*European Convention of Human Rights*, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition p. 516 et seq);

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A. Manche`] fit-12 ta' Dicembru 1989 fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara vs Kummissarju ta' l-Art** inghad li hadd ma jista` jigi mgieghel jitlaq minn idejh proprjeta` tieghu jew ihalli lil haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku u bi hlas ta' indennizz gust.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-30 ta' Dicembru, 1993 fl-ismijiet **Dr. Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et** [1][LXXVII-II-390] inghad:

**"Il-pubbliku interess li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorita` pubblika – emanazzjoni tar-*res pubblica*, l-universalita` tar-*res* li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Ir-ragunament fis-sentenza Galea versus Holland (Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Jannar 1980) huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghal skopijiet kulturali jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmula minn awtorita` pubblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk minn attivita` li hija intrinsikament privata f'attivita` intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibilita` tista' tigi ristretta u tirritratta kif jidhirlu l-interess privat";**

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' April, 1996 fl-ismijiet **Perit Dom Mintoff vs Onor Prim Ministru**

[1] Fejn fondi rekwisizzjonati gew allokati lis-Socjeta` Filarmonika San Leonardo

[2] [LXXX-I-207] il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghamlet sunt tassew interessanti tal-kazijiet imsemmija li huma l-aktar importanti fl-interpretazzjoni tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u din tinsab publikata f'pagni 261 sa 270 u l-Qorti mhix qedgha tinkludiha semplicement minhabba t-tul taghha. Qedgha pero` tikkwota parti minn pagni 270 u 271 fejn jinghad:

**"Minn kif tikkonkludi din il-Qorti jemergi minn din ir-rassenja ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-segwenti process mentali:**

**Fl-ewwel lok, l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi mhux biss kontra l-esproprjazzjoni vera u proprja fis-sens klassiku kif nafuh, izda anke kontra l-esproprjazzjoni *de facto* u cioe` kif intqal fil-kaz ta' *Fredin*, f'dawk ic-cirkostanzi li fis-sustanza jekwivalu ghal esproprjazzjoni.**

Ghall-fini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali ghall-Konvenzjoni l-kelma "*possessions*" fit-*text* Malti "possedimenti" ghandha tircievi sinifikat ampju u fit-tutela taht dan l-artikolu hemm inkluz ukoll dik kontra interferenzi fl-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta` u tad-drittijiet relattivi;

Fl-ewwel stadju tal-process mentali li jrid jaghmel il-gudikant, ghandu jigi stabbilit, l-ewwel u qabel kollox, jekk effettivament kienx hemm esproprjazzjoni vera u proprja kif ukoll *de facto* jew inkella thalliex integru d-dritt ta' proprjeta` pero` saret ingerenza u interferenza fit-tgawdija pacifika ta' l-istess. Sussegwentement il-gudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u taht kundizzjonijiet ben definiti bil-ligi. Fl-ahhar nett ghandu jigi rikonoxxut lill-Istat id-dritt u l-poter illi jirregola l-uzu tal-proprjeta` in konformita` mal-interess generali. F'dan l-ezercizzju, specjalment f'dak finali, l-Istat ghandu jgawdi margini mil-lat ta' diskrezzjoni, dejjem pero`, entro l-limiti li

---

[2] Fejn ftit wara l-elezzjoni tal-1987 gie deciz li jinbena Power Station f'Marsaxlokk, u r-raba' vicin tad-dar tar-rikorrent kienet giet esproprijata, u inbniet cumnija vicin, kif ukoll saret mina taht, u dan kollu sar vicin tad-dar tar-rikorrent.

jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm dak il-proporzjon li ghalih jaghmlu referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b'mod illi min ikun sofra ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tieghu ma jkunx gie assoggettat ghal sagrificcju partikolari u esorbitanti, cioe` eccessiv;"

Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja *nomine* vs Kummissarju tal-Artijiet** [3] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A. Magri] fl-4 ta' Ottubru, 1996 il-Qorti sostniet li:
"Din il-Qorti taqbel li l-kliem ta' l-artikolu 6 jorbtu lic-cittadin izda tifhem li l-limitazzjoni imposta fuq il-privat qieghedha hemm, biex, fil-mument tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali dan (cioe` c-cittadin) ma jkunx jista' jressaq proceduri gudizzjarji intizi biex din id-dikjarazzjoni tigi attakkata fil-Qrati ordinarji w b'dan il-mod il-poter tal-istat li jiehu forzozament proprjeta` privata jigi stultifikat. Id-dritt tal-istat li jiehu proprjeta` privata huwa rikonoxxut sew mill-Kostituzzjoni kemm ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja, dment li jigi ezercitat konformement mas-salvagwardji imposti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Izda jekk il-fatti sussegwentement ghal dik id-dikjarazzjoni w tehid forzuz tal-pussess ta' proprjeta` juru li jonqos l-element ta' l-"interess pubbliku", ma jistax ic-cittadin, "*a priori*" jigi eskluz mid-dritt li jikkontesta d-Dikjarazzjoni Presidenzjali. Altrimenti d-dikjarazzjoni ta' "interess pubbliku" ssir biss umbrella ghall-agir totalitarju tal-Gvern li facilment ikun jista' jinheba wara din id-dikjarazzjoni sabiex jakkapparra proprjeta` privata biex wara jaghmel biha li jrid - anke jittrasferiha lil persuni jew enti privati.…

ghalkemm id-dikjarazzjoni, *per se*, mhux kontestabbli, ic-cirkostanzi futuri jistghu jaghtu lok ghal ripensament dwar l-uzu li ghandu jsir minn dik l-art."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fit-18 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali**

[3] Fejn id-dikjarazzjoni tal-Gvern ghall-esproprijazzjoni saret fl-1974 ghal art il-Marsa u fl-1991 gie dikjarat li porzjoni minnha ma kienitx aktar mehtiega ghal skopijiet pubblici, u liema art giet assenjata lill-Malta Shipbuilding Company Limited biex din utilizzata bhala car park privata.

**et** [4] inghad li jekk post jittiehed mill-Gvern b'espropjazzjoni ghal *possession and use* ghax mehtieg ghal skop pubbliku ma jistax wara jinghata lil terzi persuni ghal skop kummercjali. Din twassal ghan-nullita` ta' l-espropjazzjoni. F'din il-kawza jinghad:

"Issa l-Kap 88 (gia Kap 136) huwa intiz biex jirregola l-**akkwist** ta' artijiet u mhux semplicement biex jikkontrolla l-uzu ta' l-istess. Il-mod kif tali art tigi akkwistata u cioe` b'xiri assolut, pussess u uzu jew b'dominju pubbliku hija irrilevanti billi mill-mument tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur illum tal-President ta' Malta, dik l-art tohrog mill-pussess ta' sidha u tali pussess jghaddi f'idejn l-awtoritajiet. Dan

[4] Ghal perjodu twil ta' hafna snin ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar il-validita' tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fuq il-htiega tat-tehid forzuz tal-imsemmija proprjeta' ghal skop pubbliku. Infatti jirrizulta li bejn in-1958 u in-1976, meta gew istitwiti l-proceduri quddiem l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, kienu ghaddejin trattativi bejn is-sid u l-awtorita' esproprjanti sabiex jigi determinat l-kera xieraq u jigi stabbilit liema ambjenti jkunu milquta bl-esproprjazzjoni. Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq oggezzjona ghal kera offrut bhala inadegwat, oppona ukoll ghall akkwist b'titolu ta' pussess u uzu peress li l-intimat kien sejjer "jikkonverti l-fond ghal parti accessorja tat-Teatru Manoel b'mod li din id-dar ma tibghax tezisti iktar fl-entita' taghha pristina". Kien biss wara xi zviluppi li graw fil-1991 li r-rikorrenti bhala proprjetarja tal-fond in kwistjoni hasset li d-dikjarazzjoni originali tal-Gvernatur tal-1958 ma kienetx aktar valida. Infatti gew mressqa provi li jindikaw li, ghalkemm l-ambjenti tal-fond fuq imsemmi jservu skop kulturali u diversiv li huwa l-ghan ewlieni tat-tnexxija tat-Teatru kif jipprovdi l-Manoel Theatre Management Committee, l-ambjenti kollha formanti l-proprjeta' in kwistjoni, hlief ghal xi ufficini uzati mill-Manoel Theatre Management Committee, jinsabu moghtija lil privat u cioe l-Miveda Co. Ltd. li tiggestixxi, taht titolu ta' kera u profit sharing, ir-restaurant Vilhena u l-bar, il-Patrimonju Publishing Limited li tikri xi ambjenti fit-tieni sular u l-Friends of The Manoel Theatre li jikru is-sala Isouard ghal funzjonijiet privati. Il-Manoel Theatre Management Committee, li hija l-enti nazzjonali inkarigata mit-tmexxija tat-teatru nazzjonali, tuzufruwixxi minn dawn l-arrangamenti ma' terzi privati billi, kif jidher tinkassa cirka LM5,000 jew LM6,000 fis-sena.

johrog car mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 12 tal-istess Kap 88…

L-interess pubbliku f'kazi ta' tehid ta' proprjeta` privata hija l-konsiderazzjoni principali meta jigi ezaminat jekk tali tehid huwiex konformi mad-drittijiet fondamentali konferiti mill-Konvenzjoni Ewropea.

Il-koncett ta' interess pubbliku ma jsib ebda definizzjoni la fil-Konvenzjoni, u lanqas fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess Kostituzzjoni tissoggetta d-dritt lill-Gvern ghat-tehid obbligatorju ta' proprjeta` meta hemm dispozizzjonijiet ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist. Issa l-Kap 88 li hija l-ligi li tirregola tali tehid, jiddefinixxi "skop pubbliku", bhala dak li ghandu x'jaqsam mal-uzu eskluziv tal-Gvern jew ma l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) ..... u jfisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi."

L-artikolu 3 ta' l-istess Ordinanza jaghti l-fakulta` lill-President ta' Malta li jiddikjara illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku. Tali dikjarazzjoni hija prova tan-natura pubblika tat-tehid billi skond l-artikolu 6 hadd ma jista' jitlob prova barranija.

Maz-zmien u bl-izvilupp ta' gurisprudenza f'dan ir-rigward din ir-rigidita` fl-interpretazzjoni ta' x'jammonta ghal skop pubbliku, issubiet kambjamenti u l-Qrati bdew jezaminaw jekk t-tehid forzuz ta' proprjeta` taht l-umbrella tal-ligi, kienx verament fl-interess pubbliku jew jekk kienx rizultat ta' xi abbuz ta' l-awtoritajiet. Bdiet tigi adoperata l-mizura ta' x'inhu accettabbli f'socjeta` demokratika…

Izda fil-fehema ta' din l-Qorti l-interess intrinsikament privat ta' uhud li jibbenefikaw essenzjalment min-negozju gestit minn proprjeta` tar-rikorrenti jxejjen dak l-interess pubbliku li trid il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tehid forzuz ta' proprjeta` jkun gustifikat."

Interessanti ferm ghas-suggett in ezami hu dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 1999 [LXXXIII-I-246] fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **John Mousu` et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et** [5]. Il-Qorti ghamlet l-evaluwazzjoni taghha u enfasizzat id-distinzjoni bejn "l-iskop pubbliku" u "l-interess pubbliku". Qalet:

"Interess pubbliku u skop pubbliku:

Minn dan l-argument ir-rikorrenti jridu jaslu ghall-konkluzjoni li ma jistax jinghad "li l-fond in kwistjoni jrid jitqieghed biex jintuza ghal skop pubbliku minn terza persuna li hija *self-employed*". Ma rridux ninsew, izda li dak li tippermetti l-Konvenzjoni mhux li t-tehid ta' proprjeta` privata jsir "ghal skop pubbliku", izda li jsir "fl-interess pubbliku". Jekk ir-rikorrenti jridu jghidu li hemm principju assolut, li jghodd dejjem, li jghid li t-tehid ta' proprjeta` ma jkunx fl-interess pubbliku kull meta l-hsieb tal-Gvern ikun li l-proprjeta` mehuda jaghtiha lil privati ohra, din il-Qorti ma taqbilx maghhom. Hekk qalet din il-Qorti (ippresjeduta minn Imhallef iehor), f'sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg *versus* Prim Ministru *et***:

[5] Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk. Missier ir-rikorrenti, kien kera fond il-Furjana lil Carmel Bezzina b'effett mill-1966 u fl-1977 kienet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici. Id-dikjarazzjoni, li kienet imxandra ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 9 (1) ta' l-Ordinanza, tghid illi l-fond ***de quo*** hu mehtieg ghal skop pubbliku u illi l-akkwist ghandu jsir b'xiri assolut. Billi ma kien intlahaq ebda ftehim bejn is-sidien u d-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-kumpens li jmiss lis-sidien, kien sar rikors quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet u l-Bord, wara li ffissa l-kumpens, kien hatar Nutar biex jippubblika l-Att ta' Akkwist. L-akkwist, izda, baqa' ma sarx, ghax id-Dipartiment ta' l-Artijiet sab xi diffikultajiet dwar il-provenjenza tat-titolu tas-sidien u dwar id-denunzja ghall-ghanijiet tat-taxxa tal-mewt. Madankollu, ghalkemm il-kuntratt baqa' ma sarx, jidher lir-rikorrenti kienu lesti li jidhru fuq il-kuntratt u jiehdu l-kumpens stabbilit mill-Bord, tant li lkoll iffirmaw prokura biex jaghtu lir-rikorrent John Mousu` s-setgha li jidher ghalihom fuq l-Att.

"Naturalment, din il-Qorti ma tistax teskludi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest tal-promozzjoni tal-gustizzja socjali, bhalma gie anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **James vs U.K.** (1986). Kull kaz irid jigi ezaminat u valutat fuq il-fattispecje partikolari tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar hi l-Qorti li, fil-kaz konkret, trid tkun sodisfatta li dak li qed isir jew li bi hsiebu jsir hu fl-interess pubbliku"; (Kollezz. pg. 258)…

"Zewg kuncetti li mhumiex ko-estensivi. Dan ghaliex l-iskop pubbliku hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar wiesgha, marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-fond ikun qed jigi espropprijat, u mhux necessarjament limitat b'definizzjoni preciza. Filwaqt illi l-interess pubbliku kellu jirrizulta attwali u ben definit b'mod li jipprova li l-esproprjazzjoni tkun mehtiega biex tiggova lill-komunita` anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu ta' l-interess privat. Hu ghalhekk illi l-eccezzjoni fl-artikolu 1 ghall-principju fondamentali li hadd ma ghandu jigi privat mill-possedimenti tieghu, "hlief fl-interess pubbliku" kien jimporta necessarjament ezercizzju ta' investigazzjoni bejn l-interessi tal-pubbliku in generali u l-interessi ta' persuna privata li tkun ser tigi mcahhda mid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, bhala eccezzjoni ghad-dritt fundamentali b'dak l-artikolu enuncjat;

"L-ewwel nett irid jigi innutat li hemm differenza sostanzjali bejn l-iskop pubbliku li hemm imsemmi fl-artikoli 3, 4, 8(1) tal-Kap 88 u l-interess pubbliku li ssemmi l-Kostituzzjoni. Kwazi fl-artikoli kollha tal-Kap. IV, jigifieri dak li jittratta d-drittijiet fundamentali … u f'dan it-terran … il-kompitu taghha (tal-Qorti Kostituzzjonali) huwa li tezamina u tiddefinixxi l-kontenut u limiti ta' l-interess pubbliku u safejn dan jista' jiggustifika l-intruzzjoni tal-poter pubbliku fl-isfera tad-drittijiet fundamentali tal-persuna u tal-privat" (Vol. LXXV, pt. I, p. 332 et seq);" (Kollezz pg 271, 272).

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Cutajar *noe* vs Kummissarju tal-Art *et***[6] deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001 jinghad li:
"Tikkonsidra s-segwenti:-

a) Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta' kura alternattivi ghal dawk ta' l-isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubbju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zvilupp ta' interess pubbliku.

b) Wisq anqas jista' jkun hemm dubju li l-holqien u l-kostruzzjoni ta' toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku in generali minn post ghal iehor hu forsi il-manfestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta' servizz moghti lill-pubbliku. Il-pubblicita` fl-uzu ta' toroq li jiggarantixxu access ilha minn zmien immemori, sa minn qabel l-Imperu Ruman, rikonoxxuta bhala wahda mill-funzjonijiet essenzjali ta' l-

[6] F'dan il-kaz s-socjeta' rikorrenti kienet proprjetarja ta' bicca art fabbrikabbli fi Psaila Street, liema art hija vicin ghal bicca art ohra fl-imsemmija trejqa li ma tinfidx appartenenti lis-socjeta' Golden Shepherd Group Ltd. u li fuqha din l-ahhar imsemmija socjeta' kienet ser tibni u tmexxi sptar privat maghruf bhala "St. Philip Private Hospital"; illi l-applikazzjoni ghall-bini ta' dan l-isptar privat giet approvata dment illi l-entratura minn Psaila Street titwessa' u ghal dan il-ghan fil-Gazzetta tal-Gvern giet ippubblikata Ordni ta' Esproprijazzjoni li permezz taghha gie mgharraf li giet esproprijata bicca art mill-art fuq imsemmija proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti; Is-socjeta' rikorrenti sostniet li kontrarjament ghal dak li hemm dikjarat fil-fuq imsemmija Ordni, din l-esproprijazzjoni mhix qed issir ghal skop pubbliku kif hemm mahsub fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta u mhix qed issir fl-interess pubbliku izda sabiex jigi akkomodat l-interess purament privat ta' Golden Shepherd Group Ltd., fl-investiment progettat taghha;

attivita` ta' l-Istat. Infatti, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma setax isib raguni aktar dghajfa minn dik taht ezami biex jikkontesta l-operat ta' l-awtoritajiet kompetenti citati f'din l-istanza.

c) Certament ma seta' jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' l-Istat li jipprovdi toroq ghall-access tal-pubbliku ghal kwalunkwe destinazzjoni, sew jekk hi wahda ta' indole pubblika, kif ukoll ta' indole privata, ghaliex dan kien propju l-mezz kif jassigura l-izvilupp ordinat tal-pajjiz…

Kien ghalhekk ukoll illi filwaqt illi l-principju rikonoxxut mill-organi gudizzjarji ewropej kien illi "*the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value would normally constitute a disproportionate interference, legitimate objectives of "public interest" such as pursued in measures of economic reforms or measures designed to achieve a greater social justice, may however call for less than the reimbursement of the full market value...*"

Kif sewwa gie ritenut minn din il-Qorti f'diversi insenjamenti taghha, fosthom fis-sentenza "**Dr. Carmelo Vella et vs Segretarju tad-Djar et**" li fuqha strah l-istess appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu "haga jew ghemil ma jitqiesx li sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi l-interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini". Fil-kaz taht ezami l-esproprjazzjoni manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kollettivita`. ….

Ghalhekk kif intqal fil-**James Case** tal-21 ta' Frar 1986 (A.98) fid-determinazzjoni ta' x'inhu public interest "*the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one*" izda l-istess sentenza tkompli tghid "*unless that judgement be manifestly without reasonable foundation*".

Infatti fil-**James Case** fuq citat l-Qorti esprimiet ruhha hekk f'dan ir-rigward *"a deprivation of property effected for*

*no other reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest."*

Fil-kaz ta' **Sporrong and Lonnroth Sweden** [A52, para 69 (1982)] il-Qorti marret oltre meta qalet li l-Qorti:
*"had to determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights."*

Fuq dan il-kuncett f'din is-sentenza, Harris, Boyle, Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention of Human Rights, p 516 et seq kitbu hekk:
*"The fair balance principle or test laid down in the Sporrong and Lonnroth case finds its authority in two complementary sources. The first is the general balance which the Court holds to be pervasive throughout the Convention between the enjoyment of individual rights an the protection of the public interest, the second is the substantive content of "law" as understood by the Strasbourg Authorities to include protection against the arbitary and disproportionate effects of an otherwise formally valid national law".*

Fl-imsemmija kawza ta' **Sporrong and Lonnroth vs Sweden** gew enuncjati tliet principji li, fil-kaz konkret, jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella *"in combination"*. Kif fissret il-Qorti Ewropea fil-kaz:
*"....this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed*

*in the light of the general principle enunciated in the first rule...." (A 52 para. 61).*

Dwar dan il-passagg minn din is-sentenza, Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom "*Law of the European Convention on Human Rights*" (Butterworths, London, 1995), jikkummentaw hekk:
*"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the "peaceful enjoyment of possessions" that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example, in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned. When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance" test. In the Sporrong and Lonnroth case, the Court stated: "For the purposes of [Article 1/1/1]....the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"." (op. cit., pp. 521, 522).*

Dwar il-kwistjoni jekk esproprijazzjoni tkun saret fl-interess pubbliku, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem elaborat il-veduti taghha fuq il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess privat fil-kazijiet **Lithgow and Others vs. U.K**. (1987) and **James and Others vs. U.K.** (1986). Il-Qorti qalet:

The notion of *"public interest is necessarily extensive.......The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will*

*respect the legislative's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment will be manifestly without reasonable foundation…*

*A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken."*

Ghalhekk din il-Qorti sejra tissintetizza l-pozizzjoni dwar l-aspett ta' interess pubbliku hekk:
**Biex it-tehid ta' proprjeta` privata jkun lecitu jrid ikun fl-interess pubbliku u mhux ghal skop pubbliku. Ma jiddipendix jekk l-oggett huwiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jakkwista dik il-proprjeta`. Irid ikun hemm interess ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Il-harsien tal-proprjeta` privata hija wkoll fl-interess pubbliku. Wiehed irid izomm il-"fair balance … between the demand of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights" – dik li riedet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ta' Sporrang and Lonnroth vs Sweden (A 52, para 69 (1982)). [Dwar id-distinzjoni bejn skop pubbliku u interess pubbliku ara wkoll Mousu` vs Direttur Lottu Pubbliku Pg. 271 u 272]. Irid jigi accertat li d-decizjoni mehuda tkun verament ittiehdet fl-interess pubbliku minghajr l-ezercizzju ta' l-arbitrarjeta` manifesta u fir-rispett tad-dritt fundamentali sancit bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

**L-ewwel artikolu jittutela mhux biss l-esproprjazzjoni, izda anke cirkostanzi tali li jammontaw ghal esproprjazzjoni *de facto* (Sporrang vs Lonnroth) kif ukoll fil-kazijiet ta' Fredin u ta' Hentrich u ta' Holy Monasteries, Spadea and Scalabrino (control of the use of property).**

**Ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjeta` privata tista' ssir ghall-utilita` pubblika dan ghandu dejjem ikun**

**interpretat ristrettivament. Ghandu jigi evitat li l-individwu jigi assoggettat ghall-privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta` tieghu (James Cavendish).**

**Il-proprejta` privata ghandha tigi rispettata u l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt li jirregola l-uzu tal-bini in konformita` ma' l-interess generali. Hemm bzonn li jkun hemm ekwilibrju realistiku bejn id-drittijiet tal-proprjetarju u l-ezigenzi tal-kollettivita` u m'ghandiex il-persuna espropprjata tissubixxi sagrificcju partikolari u esorbitanti (Hakansson & Sturesson). It-tehid ta' proprjeta` minghajr pagament ragjonevoli normalment jikkostitwixxi *"disproportionate interference"* ghalkemm l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll ma jiggarantix id-dritt ghal kompensazzjoni shiha jew skond is-suq (9/12/94 Holy Monasteries). Dejjem irid ikun hemm *"a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued" (5/5/95 – Air Canada).***

**Ukoll a *"deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be 'in the public interest'. Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".* Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: *"The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".***

**L-interess pubbliku jrid ikun gie identifikat b'mod konkret (Pawlu Cachia). Id-dritt ta' l-Istat ghall-espropprjazzjoni ghandu jigi ezercitat biss sakemm u sa fejn hu necessarju (Pawlu Cachia). Irid ikun hemm progett konkret "Mhux eskluz li proprjeta` tigi espropprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk**

**mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghal espansjoni futura ta' l-istess progett" (Pawlu Cachia pg. 34) basta li din ma tkunx fuq mera ipotesi izda tirrizulta pozittivament lill-Qorti.**"

Il-Qorti tifhem sewwa l-implikazzjonijiet tad-decizjoni odjerna, anke min-naha tal-lat uman. Tifhem sewwa lin-nies li joqghodu vicin tar-razzett u li jinsabu sewwa mdejqin mill-irwejjah, hsejjes ecc li razzett jista' jkun konsegwenza tieghu meta jinsab fost l-abitat. Izda kull min jaqra din is-sentenza ghandu l-obbligu wkoll li japprezza sewwa l-pozizzjoni tar-rikorrenti li kellhom razzett f'idejhom u qed jaghmlu l-mestier taghhom meta r-razzett kien il-boghod mill-abitat u meta kawza ta' l-agir ta' terzi huma spiccaw imdawrin b'diversi residenzi li gew warajhom u li issa qed jilmentaw mill-presenza u x-xoghol taghhom. Hija iebsa li wiehed jasal ghallkonkluzjoni li ghax jersaq lejk haddiehor ikollox titlaq int u thalli warajk il-possdimenti li kellek anke jekk dawn jikkonsistu fi tmexxija ta' razzett. Certament li ma jaghmilx nozzjoni ta' gustizzja li l-agir ta' terzi jwassal ghall-hsara ta' l-indiviwdu li kellu tgawdija precedenti.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-awtoritajiet koncernati kellhom l-obbligu li jaraw l-iskop tar-razzett meta taw il-permessi f'distanzi verament qosra b'mod li stranament ir-rikorrenti spicca misjub hati meta dan kellu l-permessi (li forsi ma gewx esebiti fil-kors tal-proceduri), liema permessi gew esebiti fil-kors ta' din il-kawza. Il-premessi li qed issir referenza ghalihom huwa dawk li fehma tal-Qorti huma irreleventi u cioe` tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji. L-ordni ta' zgumbrament moghtija kontra r-rikorrenti jwassal li l-proprjeta` in kwistjoni titlef l-uzu taghha. L-izvilupp li thalla jsir madwar ir-razzett irrenda l-istess razzett bla skop bil-valur ta' dan il-progett mitluf mir-rikorrenti.

Huwa veru li wiehed mill-argumenti mressaq mill-intimati huwa l-izvilupp minghajr permess tar-razzett. Izda dan jista' jwassal biss ghal estensjoni tal-bini izda mhux tal-

progett. Ir-razzett kien jezisti snin twal ilu u bil-permessi veterinarji. Kif intqal fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Spettur Norbert Ciappara et vs Anthony Seychell** (deciza fil-5 ta' Mejju 2005):

"L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll … fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fizika u kif ukoll morali) tgawdi hwejjigha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma tithalliex tgawdi hwejjigha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla hsara ta' kundizzjonijiet mahsuba fil-ligi u l-principji generali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel zewg regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq ligijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-uzu tal-gid skond l-interess generali, jew (b) biex jizgura l-hlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni;

L-imsemmi artikolu jirreferi ghall-interess pubbliku jew generali, u mhux ghas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jholl u jorbot jekk ghamil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali.

Illi huwa stabilit li biex indhil fit-tgawdija tal-gid ta' persuna jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita` konkreta ghal dak l-indhil, u mhux semplici ipotesi ta' bzonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku ghandu jibqa' jsehh ghaz-zmien kollu tal-indhil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna."

Fil-kawza fl-ismijiet **Allied Newspapers Ltd vs Avukat Generali *et*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Dicembru 2003 il-Qorti spjegat l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

"Id-dritt ta' l-espropriju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi l-proprjeta` tieghu, jew, fi kliem il-Konvenzjoni, tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu ghandu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-kostituzzjoni kif ukoll fil-konvenzjoni, kellhom ghalhekk jigu applikati restrittivament fis-sens li f'kaz ta'

dubbju dak id-dubbju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan ma jfissirx, pero`, li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi process ta' interpretazzjoni.

Kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari li jkun taht ezami kienu jikkonkorru dawk l-elementi *sine qua non* mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew mill-uzu taghhom. Galadarba d-dritt ta' l-Istat li jesproprija jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju, u dan ukoll peress li hu fuq kollox obbligu primarju ta' l-istess Stat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu, iwettaqhom u jharishom. Isegwi, ghalhekk, li l-Istat ma jistax bla bzonn ixekkel il-jedd ta' l-individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel, fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat mal-htigijiet tal-kollettivita` imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha.”

L-awtoritajiet ma jikkontsetawx il-fatt li r-rikorrenti ilu zmien twil juza r-razzett ghat-trobbija tal-hniezer. Dan gie konfermat anke mill-kumpens li r-rikorrenti kienu nghataw fl-1978 fl-okkazjoni ta’ l-*African Fever*. Anke l-ispezzjonijiet li saru fir-razzett ma tawx ezitu negattiv. Kienu tawh majjali mill-ewwel waqt li fil-kaz ta’ rahhala ohra li ma kellhomx post adegwat dawn kienu gew moghtija kumpens finanzjarju. Sfortunatament li gara hi li r-rakkomandazzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell ma wasslitx ghall-frott mixtieq ghax ghalkemm il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali irrakkomandat lill-awtoritajiet halli l-appellant ikun jista’ jkompli l-attivita` tieghu xi mkien iehor f’dawn il-Gzejjer din ma wasslet ghal xejn, u propju hawnhekk huwa l-fulkru tas-sitwazzjoni, ghax li kieku l-awtoritajiet hadu b’certu impenn ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti kieku m’ghadniex tant snin wara u wara tant inkonvenjent ghal tant nies niddiskutu u nezaminaw sitwazzjoni tal-kaz prezenti. Jirrizulta li gie mahtur xi kumitat biex jistudja l-problemi kemm tar-rikorrenti kif ukoll ta’ kazijiet simili izda jidher li l-

frott ta’ dan il-kumitat ma kienx wiehed abbundanti. Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti kellhom dritt kwezit bil-permessi mahruga favurhom. Il-kaz tar-rikorrenti jixbah ftit lill-kaz ta’ **Carmel Cassar *et* vs Ministru ghall-Izvilupp ta’ l-Infrastruttura** deciz fis-27 ta’ Novembru 1992 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. F’dak il-kaz validita` ta’ permessi tal-bini giet konfermata mill-Qorti dwar linja li nghatat ghal garaxxijiet.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi msemmijin fuq, tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati.

It-talba tar-rikorrenti hija li din il-Qorti tiddikjara vjolat fil-konfront taghhom l-agir imsemmi fil-bqija tar-rikors u li b’hekk l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u 37 tal-Kostituzzjoni gew miksura. Il-Qorti tirreferixxi ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali u thossha konvinta li quddiem dik il-Qorti (sfortunatament hadd ma talab l-allegazzjoni ta’ l-atti tal-process kriminali f’din il-kawza) ma kienux gew prodotti l-permessi tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji. Ma jistax bniedem jinghata dawk il-permessi u wara jinstab hati ghax inkunu qeghdin f’pozizzjoni fejn is-sieq il-leminija timxi ’l quddiem u s-sieq ix-xellugija timxi lura. Din il-Qorti ma tistax tannulla dik is-sentenza kif talbu r-rikorrenti izda tista’ tordna li sakemm tinsab soluzzjoni ta’ post alternattiv adegwat ghar-rikorrenti jew li jinghataw kumpens xieraq, dik is-sentenza ma jkollhiex l-effett imsemmi ta’ penali u l-konsegwenzi l-ohra msemmijin fiha.

Sakemm ma tinstabx din is-soluzzjoni li anke kienet giet rakkomandatata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, ir-rikorrenti ma jistghux jigu mwaqqfa milli juzaw ir-razzett taghhom. Il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghal kumpens. Tiddikjara li jekk ir-rikorrenti jitwaqqaf milli juza r-razzett jinkisru d-drittijiet fundamentali tieghu sakemm ma jigix moghti post alternattiv adegwat.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------